Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 03/17

**AVVIŻI**

**15 ta' Jannar 2017**

Nhar l-Erbgħa 18 ta' Jannar infakkru s-46 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Nitolbu biex il-parroċċa tagħna tkun tassew komunità ħajja ta' fidi u mħabba nisranija.

Mit-18 sal-25 ta' Jannar l-insara madwar id-dinja jitolbu għall-Għaqda fost l-insara. Nhar il-Ħamis 19 ta' Jannar Mons. Arċisqof sa jmexxi servizz Ekumeniku fil-Knisja ta' Santu Wistin il-Belt Valletta fis-6.30pm. L-Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja tagħna tkun b'talb speċjali għal din l-intenzjoni.

Bejn il-Ġimgħa 27 u l-Ħadd 29 ta' Jannar sa jsiru l-*Kwaranturi* – Ħin ta' Adorazzjoni Ewkaristika. Tkun ħaġa sabiħa li ma nħallu fl-ebda ħin lil Ġesù Sagramentat waħdu. Min jixtieq jieħu ħsieb li jkun preżenti f'xi siegħa partikulari jista' jħalli ismu fis-sagristija.